**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 21 ta' Mejju 2020.**

**Rikors nru: 90/ 2018 AGV;**

**AB**

**Vs**

**CB**

**Il-Qorti;**

Rat ir-Rikors guramentat ta' AB datat 13 ta' April 2018 fejn espona bir-rispett u kkonferma;

1. Illi l-partijiet kienu sseparaw bis-sahha ta' kuntratt ta' separazzjoni personali fl-atti tan-Nutar Dr. Henry Darmanin tal-10 ta' Marzu elfejn u ghaxra, li kopja tieghu qed tigi annessa ma' dan ir-rikors u mmarkata Dok. CS 1.

2. Illi ghal kull buon fini nhar it-23 ta' Jannar elfejn u tmintax, huwa kien prezenta ittra ta' medjazzjoni numru 103/2018 flimkien ma' rikors b' urgenza.

3. Illi minhabba li l-partjiet ma ftehmux bonarjament, il-medjazzoni giet maghluqa u l-partijiet kienu gew awtorizzati jipprocedu b' kawza fit-terminu legali bis-sahha ta' digriet minn din l-Onorabbli Qorti tal-5 ta' Marzu elfejn u tmintax ( Dok. X).

4. Illi l-esponenti ghandu problema kronici medici relatati mad-dijabete kif jidher mic-certifikat anness ma' dan ir-rikors guramentat immarkati CS 2, CS 3, CS 4 u CS 5.

5. Illi l-esponenti minhabba c-cirkostanzi msemmija fic-certifikat li huwa inkapaci jahdem ghal dawn it-tlett snin li gejjin u ghaldaqstant kellu japplika u nghata pensjoni tal-invalidita' kif jidher ahjar mil-ittra mahruga mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali, datata 20 ta' Dicembru elfejn u sbatax li kopja taghha hija annessa ma' dan ir-rikors immarkata bhala Dok. CS 5.

6. Illi l-esponent intalab mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali ihallas lura l-ammonti ta' Ewro 2395. 40 u Ewro 870. 10 li rcieva bhala beneficcju tal-mard u ghajnuna socjali minhabba li beda jircievi l-pensjoni konsegwenza li ma kellux kontroll fuqha u li ser tnaqqaslu d-dhul mill-pensjoni li ghaliha hu intitolat ( Dok CS 6 u CS 7).

7. Illi f'xahar l-esponenti jircievi pensjoni li tammonta ghal Ewro 496. 80 li minnha irid ihallas il-manteniment lil martu kif deskritt fil-paragrafu li jmiss, ihallas ir-rata dovuta b'lura lid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali u jghix bil-bilanc li jkun ghad fadallu- ara Dok. CS 8.

8. Illi l-esponenti kien obbliga ruhu li jhallas manteniment lill-intimata ta' 160 Ewro fix-xahar skont l–artikolu 2 tal-kuntratt tas-seperazzjoni hawn fuq deskritt u anness mal-istess rikors.

9. Illi minhabba li huwa issa ser jircievi biss pensjoni tal-invalidita', mhux ser ikun possibbli ghalih li jlahhaq mal-hajja u jkompli jhallas l-imsemmi manteniment lill-intimata li llum ghandha l-hajja taghha.

10. Illi l-esponenti minkejja d-diffikultajiet kbar f' sahhtu kien dejjem diligenti u hallas il-mantiment lill-intimata.

11. Illi l-esponenti ihoss li Artikolu 2 tal-kuntratt tas-separazzjoni ma huwiex gust fir-rigward tieghu minkejja li huwa kien ta l-kunsens tieghu specjalment issa li jinsab marid kronikament u l-marda ma tippermettilux jahdem bi qliegh, stante li l-intimata hija kapaci li tmanti lilha innifsiha u x'aktarx ghandha relazzjoni ma' haddiehor.

Ghaldaqstant tghid ghalhekk l-intimata ghal ragunijiet premessi il-ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:-

1. Tiddikjara illi l-esponenti huwa dizokkupat ghal raguni ta' mard kroniku u mobilita';

2. Tordna cessjoni jew varjazzjoni tal-obbligu tal-esponent li jissottoministra lill-intimata r-retta alimentarji li huwa tenut li jissottoministra ai termini tal-kuntratt tas-seperazzjoni fl-atti tan-nutar Henri Darmanin fl-10 ta' Marzu, elfejn u ghaxra hawn fuq imsemmi;

3. Tordna li c-cessjoni jew varjazzjoni tal-obbligu tal-esponenti li jissottoministra retta alimentari li hu tenut li jissottoministra ai termini tal-istess kuntratt hawn fuq imsemmi, ghandha topera retrospettivament mid-data meta l-esponenti, waqaf mix-xoghol bi qliegh.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimata li hija ingunta minn issa, in subizzjoni.

**Rat ir-Risposta guramentata ta' CB** datata 22 ta' Ottubru elfejn u tmintax, fejn esponiet bir-rispett u kkonfermat dan li gej:-

1. Illi l-partijiet isseparaw b' kuntratt ta' separazzjoni personali in atti tan-Nutar Dr. Henri Darmanin, fl-ghaxra ta' Marzu, elfejn u ghaxra;

2. Illi skont il-kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratt, l-attur obbliga ruhu li jhallas manteniment lil-esponenti ta' mija u sittin Ewro fix-xahar bil-kundizzjoni li dan il-manteniment jibqa' jithallas anke jekk l-esponenti, ssib impjieg, u jew terga' tizzewweg jew tottjeni annullament jew divorzju ghal ragunijiet u jew htigijiet imputabbli lilha;

3. Illi wara l-iffirmar tal-kuntratt ta' seperazzjoni, l-attur pprezenta varji rikorsi u talbiet fejn talab cessjoni u jew riduzzjoni tar-retta alimentari li jaghti lill- esponenti. Fil-kazijiet kollha t-talba tal-attur giet dejjem michuda. Dawn il-proceduri, qatt ma gew segwiti minn kawzi ghajr ghal ahhar tenattiv li rrizulta fil-kawza odjerna;

4. Illi skont l-ahhar digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti, diversament preseduta tal-15 ta' Marzu elfejn u tmintax, ma rrizultawx l-estremi necessarji, sabiex il-manteniment pattwit jigi terminat;

5. Illi l-attur kien ibati mid-dijabeta minn qabel mal-partijiet isseperaw u ghalhekk kien jaf bil-kundizzjoni tieghu meta huwa stess obbliga ruhu, li jhallas lill-esponenti l-manteniment pattwit;

6. Illi anke jekk jirrizulta li huwa minnu li l-attur ma jistax jahdem fit-tlett snin li gejjin huwa ghandu mezzi finanzjarji sufficjenti biex ihallas il-mateniment dovut lil-esponenti. Inoltre' d-dar matrimonjali kienet inbieghet u l–attur kien ha sehemu mir-rikavat taghha. Wara l-iffirmar tal-kuntratt imsemmi, l-attur akkwista appartament u llum il-gurnata ghandu ukoll vettura tieghu, jghix wahdu kif ukoll sa fejn taf l-esponenti, f' dan l-ahhar zmien l-attur kien anke siefer kif ukoll baqa' ghaddej bil-hajja ta' xalar kif kien qabel;

7. Illi anke jekk jirrizulta li l–attur ma jistax jahdem bis-sitwazzjoni li jinsab fiha, hija unikament attribbwibbli ghar-rizultat ta' xorb eccessiv u nuqqas ta' tharis lejn sahhtu tul is-snin li ghaddew, ghal liema traskuragni ma ghandhiex tbati l-esponenti.

Illi tant sottomess l-esponenti tecepixxi dan li gej;

a. Illi l-allegazzjoni u t-talbiet tal-attur, huma infondati fil-fatt u fid-dritt;
b. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Semghet ix-xhieda prodotti.

**<u>FATTI</u>**

1. Il-partijiet isseparaw konsenswalment fl-10 ta' Marzu, 2010, fl-atti tan-Nutar Dr. Henri Darmanin. Skond il-kuntratt ta' separazzjoni obbliga ruhu li jhallas lill-konvenuta manteniment fis-somma ta' €160 fix-xahar u dejjem hallas regolarment.

   Illum l-attur jilmenta li ghandu problemi kronici medici relatati mad-dijabete. Minhabba dawn ic-cirkostanzi, kien gie ccertifikat li hu inkapaci jahdem ghal tlett snin u wara li jiskadu kien ser jerga' jigi ezaminat mill-Bord. Minhabba li ma setax jahdem kien applika u beda jircievi l-Pensjoni tal-Invalidita' u fis-sena 2017 kien ircieva s-somma ta' €3, 328.52.

   Ighid li dina l-pensjoni hija l-uniku introjtu tieghu. Ighid pero' li minn naha tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali kienu hadu zball fil-kalkoli tal-ghajnuna li tawh u hallsuh izzejjed u wara li gie *boarded out*, ghalhekk spiccaw inaqqsulu mill-pensjoni tieghu.

   Ighid ghalhekk li llum jircievi pensjoni baxxa u ghax-xahar bejn Ottubru-Novembru, 2018, kien ircieva biss €483.95, li minnhom hallas €225.59

ghall-ikel li jixtri minn discount markets, €148.80 ghas-servizzi tad-dawl, ilma u Melita. Gieli jkollu ukoll spejjes ghall-medicini li ma jsibx l-isptar.

Jinsisti ghalhekk li c-cirkostanzi tieghu nbiddlu b'tali mod li ma jistax ilahhaq mal-ispejjes tal-manteniment u dan meta l-konvenuta kapaci tmur tahdem u llum qieghdha f'relazzjoni ma' haddiehor.

In kontro-ezami, l-attur jikkonferma li ilu jbati mid-djabete ghal diversi snin u kien mar ghand diversi tobba. Ghal bidu ma tantx kienu jaghfsu fuq x'ghandu jiekol jew ma jiekolx, izda issa mhux daqshekk tajjeb. Ikkonferma ukoll li kienu qalulu li x-xorb alkoholiku mhux tajjeb ghal min ibati mid-djabeti u minkejja dan, ghadu jixrob, minkejja li naqas hafna.

L-attur ikompli jghid li kien ghamel zewg operazzjonijiet f'irkopptu u minhabba dina l-problema ma setax jahdem ghax lanqas seta' jitbaxxa jew jitghawweg u lanqas ma seta' jilbes kalzetti.

L-attur ma jichadx li mar sar l-grawnd biex jara xi loghba tal-Belt u ghinuh biex jitla'. Ma cahadx li ha xi birra, izda xejn aktar minn hekk.

2. Il-konvenuta kkonfermat li tahdem Casa Leone u li tkun intitolata ghall-pensjoni minima u kkonfermat li ghandha relazzjoni ma' terza persuna u dan gieli jorqod l-appartament taghha u gieli le.

   Tghid li fiz-zwieg kienet tmur mal-attur ghand Dr. Schranz, kif ukoll ghand Dr. Peppino Attard u lkoll kienu jwissuh x'ikel ghandu jiekol u biex inaqqas mix-xorb. Tghid li l-attur kien iwissiha biex ma tikxfux ma' Dr. Schranz li kien jiekol ikel mhux adattat u dan peress li kien jemmen li hajja wahda biss kellu.

Meta l-attur iddecieda li jrid separazzjoni, ried jiehu l-maggorparti tal-mobbli fil-komunjoni u sabiex waslu ghall-ftehim kienu ftehmu li l-attur ghandu jhallas il-manteniment kif hemm miftiehem fil-kuntratt. Meta kienu ftehmu hekk, l-attur diga' kien ibati mid-djabete u kien jaf bl-istil ta' hajja li kien ighix u jixrob xorb eccessiv.

Il-konvenuta topponi ghat-talbiet attrici peress li se jikkagunalha piz finanzjarju u kienet ippjanat hajjitha fuq dan id-dhul.

Il-konvenuta tinsisti li l-kundizzjoni tad-djabete tal-attur mhix gravi li ma jistax jahdem, tant hu hekk li fil-fatt imur jara l-futbol il-grawnd u hemm hafna tarag fl-Istadium Nazzjonali. Gieli anke siefer sabiex imur jara l-loghob barra minn Malta u anke attenda c-celebrazzjonijiet tar-rebh lokali.

Il-konvenuta zzid tghid li l-attur kien jaf ghal xiex kien qed jiffirma meta dahlu fil-kuntratt ghaliex kien ser ikopri z-zmien li kien ser ikun bil-pensjoni.

3. Dr. Keith Cardona, tabib tal-attur jikkonferma li ilu jarah ghal dawn l-ahhar tmien snin, Jaf bil-problemi tieghu relatati mad-dijabete, kif ukoll il-problemi fl-irkopop. Jiddeskrivi t-tip ta' djabete tieghu bhala sekondarja u biex ikollu kura ahjar, jispjega seta' jippreskrivilu medicina ahjar milli qed jiehu, izda dawn ma jistax jehodhom mill-Gvern u peress li kien konsapevoli li kien hemm problemi ekonomici, ma kienx jippreskrivilu dina l-medicina. Ikompli jghid li kull meta l-attur kien imur ghandu ghall-vizta ma kienx izommlu flus.

Dwar irkopptu jispjega li kien ghamel operazzjoni ta' *knee replacement* taht Dr. Mark Portelli fl-irkoppa xellugija. Spicca li kellu *fixed extension* fejn ma jistax jghawweg irkopptu, bil-konsegwenza li l-mobilita' tieghu hija limitata ghax ma jistax jaghmel it-throwing forward.

Jikkonferma ukoll li kien iccertifika lill-attur bhala "*not fit for gainful employment*" u dan mhux biss bhala tabib tieghu, izda peress li ghandu l-esperjenza bhala ex tabib fil-bord tad-disabilita'. Jispjega li kien iccertifikah hekk peress li l-attur huwa ragel li ghandu 'l fuq minn 58 years, b'dijabete mhux kontrollata u bil-problemi ta' mobilita' u b'livell ta' edukazzjoni mhux gholja, u ghalhekk kien ser ikun difficli ghalih sabiex jerga' jsib impjieg. Jekk setax jahdem xoghol fejn ikun bilqieghda jistqarr illi kollox jiddependi mhux biss fuq il-kundizzjoni tal-attur, izda anke fuq il-kapacitajiet tieghu, ghal dak li jirrigwarda l-impjieg. Qabel l-operazzjoni kien jahdem bhala deliveryman mal-Lasco, izda llum bil-problemi ta' mobilita' huwa impossibbli li jkompli dan ix-xoghol.

Ikkonferma ukoll li x-xorb ma kienx ighinu.

4. Saviour Theuma, rapprezentant tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali kkonferma li ghas-sena 2019, l-attur kien ircieva s-somma ta' €8, 347.[1] Jispjega li l-attur dejjem ikun ser jircievi l-pensjoni l-iktar gholja, dik tal-eta' jew tal-invalidita'.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

[1] Ara Dok. ST 1

L-attur qed jitlob li jvarja l-kuntratt ta' separazzjoni in kwantu jirrigwarda l-hlas ta' manteniment lil martu. Skond klawsola 2 tal-istess kuntratt kellu jhallas lill-konvenuta s-somma ta' €160 fix-xahar anke jekk tibda' tahdem, jew jannullaw iz-zwieg jew jiddivorzjaw.

Dan il-kuntratt gie ffirmat fl-2010. Illum l-attur li ghandu 'l fuq minn 50 sena ibati mid-djabete, kif ukoll kellu jaghmel operazzjoni ghall-*knee replacement,* bir-rizultat li ghandu problemi ta' immobilita', tant li llum gie *boarded out* u huwa dizokkupat. Ghaldaqstant, hemm bdil fic-cirkostanzi li jimmeritaw varjazzjoni jew tibdil fil-klawsola tal-kuntratt ta' separazzjoni fis-sens li ma jkomplix ihallas manteniment lill-konvenuta jew ihallas inqas.

Dina l-Qorti diga' kellha l-opportunita' f'diversi okkazzjonijiet sabiex tenuncja ruhha fuq talbiet ta' varjazzjoni jew bdil f'kuntratt ta' separazzjoni  u dina l-Qorti ddistingwit bejn bdil mitlub f'sentenza tal-Qorti fuq manteniment, u dak mitlub f'kuntratt konsenswali, jew kif inhi ahjar maghrufa f'termini legali "is-separazzjoni bonarja."

Gie ritenut kemm il-darba li l-kuntratt konsenswali li jsir bejn il-konjugi jirregola s-separazzjoni taghhom u jekk kemm il-darba ma jikkontemplax mod iehor, il-kundizzjonijiet u pattijiet hemm kontenuti jirrapprezentaw ***"pacta sunt servanda."***

Il-gurisprudenza nostrana zammet ferm li bhala regola ferma japplika l-principju *pacta sunt servanda* li jaghti forza ta' ligi lil dak li jkunu ftehmu l-partijiet, salv ghad-dritt tal-qorti li tintervjeni f'vertenzi li jirrigwardaw lill-minuri. Dan il-principju huwa rifless fil-ligi taghna fejn l-Artikolu 992 tal-Kodici Civili jipprovdi:-

***"(1) Il-kuntratti maghmula skont il-ligi ghandhom sahha ta' ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom.***

***(2) Dawn il-kuntratti ma jistghux jigu mhassra hlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet jew ghal ragunijiet maghrufin mil-ligi."***

***"Il-gurisprudenza ricenti hi fis-sens li, minkejja dak miftiehem f'kuntratt ta' separazzjoni u li jolqot biss il-partijiet, jistghu jezistu cirkostanzi "ta' natura gravi, eccezzjonali jew indipendenti mill-volonta' tal-attur li gabuh fl-impossibilita' li jhallas retta alimentali [pattwita] allura f'kazi simili jista' jkun hemm lok ghal varjazzjoni."[2] Dan hu hekk fl-interess tal-ordni pubbliku, li jipprevali fuq kull ftehim li talvolta jkun sar bejn il-partijiet kontraenti. Ghalhekk sabiex din l-eccezzjoni ghar-regola tkun applikabbli, jehtieg li min ikun intrabat kontrattwalment li, jesegwixxi obbligu, biz-zmien isib ruhu fl-impossibilita' estranea ghall-volonta' tieghu li jkompli jesegwixxi dak l-obbligu tieghu."[3]***

Hekk ukoll f'sentenza ohra fl-ismijiet **Jean Pierre sive Jean Borg vs Nicole Borg,**[4]l-Qorti tal-Appell osservat li minn jitlob varjazzjoni tal-obbligu ta' manteniment ghandu jgib provi "***cari, oggettivi u inekwivoci***" sabiex jikkonvinci lill-Qorti illi l-intervent taghha huwa mehtieg.

Fil-mertu, ghalhekk, in linea generali, f'kull kawza fejn it-talba hi ghall-varjazzjoni ta' stipulazzjonijiet kontrattwali, l-oneru tal-prova huwa gia' wiehed gholi. Meta l-varjazzjoni mitluba tirrigwarda l-obbligu tal-hlas tal-

[2] App.Civ. Nru. 2479/1996 deciza 16 ta' April, 2004 Alfred Grech vs Pauline Grech pro et. noe.
[33] App.CIv. Nru. 24/15 deciza 31 ta' Mejju, 2019 Moses Briffa vs Nathalina Briffa
[4] App. Civ. Deciza 30 ta' Novembru, 2012.

manteniment, meqjus bhala li jaqa' fil-kamp tal-ordni pubbliku, il-Qorti tqis li l-oneru tal-prova mehtieg ghas-success ta' azzjoni bhal dik odjerna, huwa wiehed massimu.

Il-Qorti kellha dan xi tghid dwar il-bilanc li jrid jinstab bejn il-principju fondamentali "***pacta sunt servanda"*** u l-principju l-iehor daqstant importanti "***ad impossibilia nemo tenetur***":-

***"Dan il-principju jsib il-bazi razzjonali tieghu "fl-interess tal-ordni pubbliku, li hu suprem u aqwa minn kull ligi jew ftehim bejn il-partijiet." Fi kliem iehor, f'materja ta' revizjoni ta' manteniment pattwit, filwaqt li ghandu japplika l-principju generali regolanti l-materja ta' kuntratti, ghandu japplika ukoll, bhala deroga mill-istess, il-principju "ad impossibilia nemo tenetur," li jifforma r-"ratio legis" tad-dispost tal-Artikolu 985 tal-Kap.16 li, inter alia, jistipula li hwejjeg impossibbli ma jistghux ikunu oggett ta' kuntratt."***

***"Jinkombi ghalhekk fuq min jitlob il-varjazzjoni tal-obbligu ta' manteniment, id-dover assolut li jressaq provi cari, oggettivi u inekwivoci biex jikkonvinci lill-Qorti, altrimenti l-Qorti tkun qed tippermetti li stipulazzjonijiet tant serji u delikati f'kuntratti pubblici bhalma huma stipulazzjonijiet dwar obbligu ta' manteniment tal-konjugi jew tal-ulied, jigu soggetti ghall-tibdil bl-iktar mod facli u espedjenti. L-Artikolu 21 tal-Kodici Civili, fuq citat, zgur mhux intiz biex jakkomoda piki u kapricci, izda fejn jirrizultaw verament ragunijiet serji u gravi li jiggustifikaw tibdil fil-patt kuntrattwali ghall-hlas ta' manteniment, dan ghandu jigi premess.***

***Gie ukoll ritenut mill-Qorti tal-Appell illi "…..jinsab assodat fil-gurisprudenza patria li iktar milli bdil fic-cirkostanzi b'mod generali, it-test dwar jekk ghandux jigi ridott manteniment stabbilit lil wiehed mill-konjugi jirrikjedi ezami komparattiv dwar kambjamenti fil-mezzi tal-konjugi obbligat li jhallas il-manteniment u l-bzonnijiet tal-konjugi li ghandu dritt jircevihom."Edward Galea vs Josephine Galea – 15.05.1998)"***[5]

Ghalhekk, dina l-Qorti trid tezamina u tevaluwa li l-provi prodotti mill-attrici huma **cari, oggettivi u inekwivoci** bizzejjed sabiex jiggustifikaw revizjoni fil-*quantum* ta' manteniment dovut mill-konvenut.

Fil-kaz in kwistjoni, gie stabbilit li fl-2010, meta gie ffirmat il-kuntratt, l-attur diga' kien ibati minn *secondary diabetes*, li jehtieg kura. It-tabib kuranti tal-attur ikkonferma li generalment hemm medicini aqwa milli dawk li qed jiehu l-attur, izda minhabba problemi ekonomici jippreskrivilu dawk il-medicini li jista' jottjeni b'xejn minghand il-Gvern.

Meta ffirma l-kuntratt ta' separazzjoni, l-attur kien konsapevoli li kellu dina l-problema ta' dijabete, ma ciononostante, ma kinitx tirrapprezentalu ostakolu biex jobbliga ruhu li jhallas manteniment lil martu l-konvenuta. Tul iz-zmien izviluppawlu problemi f'irkopptu li wasluh biex jigi *boarded out* u ghalhekk sab ruhu dizokkupat, b'pensjoni ta' disabilita', li minnhom ried ihallas il-manteniment ta' martu. It-tabib kuranti tieghu eskluda l-possibilita' tal-attur li jsib impjieg sakemm mhux xi mpjieg sedentarju u dan minhabba l-problemi ta' mobilita', li flimkien mal-eta' tieghu u n-

[5] Qorti tal-Familja DXN vs WO deciza 6 ta' Dicembru, 2017

nuqqas ta' livell ta' edukazzjoni gholja, kienu kollha fatturi li impeduh milli jahdem jew isib impjieg.

Madankollu, il-konvenuta tirribadixxi l-provi tal-attur, peress li minkejja l-kundizzjoni tad-dijabete tieghu, kien jiekol bl-addocc u ma jsegwix id-dieta' li jehtieg biex jevita kumplikazzjonijiet. Inoltre, kien jixrob u minkejja li jghid li ghandu problemi ta' mobilita' kien jiffrekwenta l-grawnd tal-futbol, jattendi c-celebrazzjonijiet u anke siefer biex jara xi partita. L-attur ma jinnegax li gieli ha xi birra, izda jammetti li kien naqqas ix-xorb sostanzjalment. Izda ma jirrizultax li kien jezercita xi dixxiplina partikolari mieghu nnifsu u dana ghax kien jemmen li kellu hajja wahda.

Li trid tikkunsidra dina l-Qorti huwa jekk dawn ic-cirkostanzi godda u cioe' t-telf tal-impjieg u l-problemi ta' immobilita' humiex ***cari, oggettivi u inekwivoci*** biex iggustifikaw varjazzjoni fil-*quantum t*a' manteniment.

Kif diga' accennat dina l-Qorti, l-attur kien gia' jbati bid-dijabete fl-2010 meta ffirmaw il-kuntratt ta' separazzjoni. Kien jahdem, pero', izda kien konxju tal-fatt li meta accetta li jobbliga ruhu li jkompli jhallas manteniment lill-martu, minkejja li setghet timpjega ruhha, dan kien ser ikun ghall-perjodu determinat u cioe' sa mewtha u ghalhekk parti minn dan il-perjodu kien ser ikun qed jircievi pensjoni tal-irtirar, li prattikament skond Saviour Theuma, in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali, l-attur kien qed jircievi pensjoni ta' disabilita' u jekk il-pensjoni tal-irtirar kienet iktar mill-pensjoni l-ohra, jiehu l-ikbar wahda. Gie ritenut ukoll li presentement ma jiehux l-ammont intier tal-pensjoni peress li kien hemm zball mid-Dipartiment, li waslu sabiex hallsuh izzejjed u qed ihallashom lura l-eccess.

Huwa minnu li l-konvenuta llum tahdem, ghax dan gie kkonfermat minnha stess. Rigward l-allegazzjoni li l-konvenuta llum ghandha relazzjoni ma' terza persuna gie kkonfermat minnha ukoll, izda bir-rispett kollu, dan huwa kollu rrelevanti ghax l-attur ghamel patt mal-konvenuta car u inekwivokabbli. Id-dizokkupazzjoni tieghu u l-problemi ta' immobilita' ma impeduhx milli jiffrekwenta l-passatempi tieghu u l-istat ta' fatt kien ser ikun verosimili, bl-unika differenza li l-irtirar sehh qabel, minhabba li gie *boarded out* per konsegwenza tal-operazzjoni f'irkopptu.

Huwa apprezzat ukoll li l-finanzi tal-attur qatt ma kienu xi straordinarji, konsiderando li kien jahdem bhala *delivery man* u ghalhekk wiehed ma jistax ikollu xi aspettativi gholja. Anke l-istess tabib kuranti, li huwa midhla tal-familja tal-attur, ma kienx izommlu flus minhabba li kien jaf li kien maghfus.

Wiehed jifhem li bla impjieg l-introjtu ma jibqax li jkun, imma patt huwa patt u l-obbligu ta' manteniment ma jistax jieqaf hesrem, ghax kif tajjeb accenntat l-konvenuta, hi ukoll tkun qassmet il-finanzi taghha fil-hajja meta kienet mohha mistrieh bil-ftehim li kien intlahaq bejniethom, oltre ghandha s-sigurta' ta' impjieg. Ma jistax issa jippretendi l-attur li l-irtirar kmieni u l-problemi ta' dizokkupazzjoni u tad-dijabete jaqilbu ta' taht fuq hajjet il-konvenuta, partikolarment mill-aspett finanzjarju, meta kien hemm ftehim vinkolanti.

**<u>DECIDE</u>**

Ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi, billi filwaqt li tikkonferma l-ewwel talba attrici, tirrespingi l-bqija tat-talbiet attrici.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati interament mill-attur.

**Onor. Imhallef Anthony Vella** **Registratur**